MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 170/2006

Kawza fil-lista: 26

**A B mart C B u D E**
**vs**
**C B u F G nominat kuratur ad litem b' digriet tad-9 ta' Jannar 2007 biex jirrapprezenta lill-minuri H I**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Illi hi u zewgha l-konvenut ilhom separati de facto minn Settembru, 2004. Illi fis-17 ta' Jannar, 2005 il-konvenut intbaghat il-habs fejn baqa' sas-17 ta' Frar, 2006, u cioe' sena u xahar.

Illi fill-frattemp li C B kien il-habs, l-attrici kellha l-minuri H I li twieldet fis-17 ta' Jannar, 2006, u cioe' sena wata li C B dahal il-habs, u xahar qabel hareg.

Illi l-missier tal-minuri huwa l-attur l-iehor. Li ghalhekk ghal kull buon fini din id-dikjarazzjoni qed tigi kkonfermata wkoll bil-gurament tal-attur l-iehor, il-missier naturali.

Illi din il-kawza qed issir ghad-dikjarazzjoni tal-paternita' tal-minuri, u l-assunzjoni tal-paternita' u maternita' reali u fattwali tal-istess minuri.

Peress li l-attrici kellha tarbija li twieldet fis-17 ta' Jannar, 2006, u dan meta zewgha, l-konvenut, li minnu kien ilha separata de facto ghal zmien konsiderevoli, kien il-habs u dan mill-perijodu tas-17 ta' Jannar, 2005 sas-17 ta' Frar, 2006, u cioe' sena qabel it-twelid tat-tarbija u xahar wara li kienet twieldet, u ghalhekk kien hemm l-impossibilta' fizika ta' koncepiment bejn l-attrici u l-konvenut;

Peress li t-tarbija de quo hija H I li twieldet fis-17 ta' Jannar, 2006, skond ic-certifikat hawn anness Dok. A.

Peress li t-tarbija mhix bint il-konvenut, ghalkemm giet registrata fuq ismu, u fil-fatt hija bint l-attur l-iehor f' din il-kawza.

Jinghad ghalhekk mill-konvenut ghala din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjara li t-tarbija H I li twieldet mill-attrici u mnizzla fic-certifikat tat-twelid 566 tas-sena 2006 bhala bint il-konvenut, mhix fattwalment u legalment
bint il-konvenut;

2. Tiddikjara li missier it-tarbija huwa Oysten E, l-attur l-iehor.

Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuti C B u l-kuratur F G debitament notifikati ghazlu li jibqghu kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-avviz ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fit-23 ta' Mejju 2006;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-atturi qed jotlbu minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li t-tarbija H I li twieldet mill-attrici fis-17 ta' Jannar 2006 skond certifikat tat-twelid numru 566/2006 mhijex il-wild naturali tal-konvenut C B kif erroneament indikat fl-istess att, izda li hija l-wild naturali ta' l-atturi u li l-attur D E huwa l-missier naturali taghha.

Il-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu u taghtihom affidament;

Mill-provi jirrizulta li f' Settembru tas-sena 2004 l-attrici u zewgha l-konvenut C B sseparaw de facto, u sitt wara, l-attrici dahlet f' relazzjoni ma' l-attur l-iehor, u bdiet tikkonvivi mieghu.

Illi fil-frattemp, u precizament fis-17 ta' Jannar 2005 il-konvenut C B intbaghat fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin minn fejn gie rilaxxjat sena u xahar wara, fis-15 ta' Frar 2006.

Illi, fil-frattemp, mir-relazzjoni ta' bejn l-atturi twieldet it-tifla Hh I fis-17 ta' Jannar 2006, li pero' giet registrata that il-kunjom B peress li l-attrici ghadha legalment mizzewwga lill-konvenut C B.

Illi l-attrici fix-xhieda taghha kkonfermat li, wara li hi sseparat de facto minn mal-konvenut C B, dawna ma kellhomx relazzjonijiet intimi aktar bejniethom. Dan jinsab konfermat ukoll mill-konvenut C B li spjega li fiz-zmien tal-koncepitment tat-tarbija H I huwa kien maqful fil-Facilita'

Korrettiva ta’ Kordin u ghalhekk kien fl-impossibilita’ fizika li “jghammar ma’ martu”.

Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li r-rekwiziti kontemplati fl-Artikolu 77 tal-Kap.16 jikkonkorru.

Inoltre l-attrici kkonfermat li wara li hi sseparat de facto minn ma’ zewgha, hija kellha relazzjonijiet intimi ma’ l-attur biss, u di fatti dawn ghadhom jikkonvivu flimkien fid-dar ta’ missierha. L-attur minn naha tieghu accetta li l-imsemmija minuri hija l-wild naturali tieghu.

Dan premess u kkunsidrat it-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk jimmerita li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara li t-tarbija H-I li twieldet mill-attrici fis-17 ta’ Jannar 2006, u li hi mnizzla fic-certifikat tat-twelid numru 566/2006 bhala bint il-konvenut C B, mhijiex bint dan il-konvenut, izda hija l-wild naturali ta’ l-attur D E.

L-ispejjez jibqghu a kariku ta’ l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------